"Issa ħudu biċċa ħobż magħna bil-ġbejniet friski," stedinhom Karmnu. "Grazzi! Bil-qalb kollha," wieġeb Miċu f'isem sħabu.

Wara nofsinhar, it-tlett iħbieb qagħdu jilagħbu ftit man-nagħaġ u Fonzu kompla jieħu ħafna ritratti. Il-ħin tar u kontra qalbhom kellhom jitilqu biex jaqbdu l-vapur lura lejn Malta. Fi triqthom ma waqfux jirrakkontaw x'kienu raw u għamlu. Kienu għaddew ġurnata mill-isbaħ.

Xi xahar wara l-mawra f'Għawdex, Fonzu stieden lil Lola u lil Miċu għat-te. F'nofs il-mejda qiegħed ftit ġbejniet u galletti u kopja tar-rivista tal-Kunsill Lokali.

**Żur il-paġna ta' Fonzu l-Fenek fuq**
***www.fonzulfenek.org***
**fejn issib stejjer, kanzunetti, filmati,**
**stampi għat-tpinġija u riċetti.**

"Dan x'inhu?" staqsiet Lola kollha kurżità. "Intom qallbu ftit," qalilhom Fonzu bid-daħqa. "Dawn ritratti tagħna meta morna Għawdex!" qabeż eċitat Miċu. "Iva," kompla Fonzu. "Fettilli nikteb rakkont tal-ġurnata speċjali li kellna u bgħattu lill-editur tar-rivista. Tant għoġbu li ppublikah bir-ritratti b'kollox fil-paġni tan-nofs!"




fonzulfenek@gmail.com